Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,639, 4 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 238 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi (Emenda Nru 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi (Emenda Nru 4) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 51.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Ġunju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "erba' (4) persuni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt (6) persuni".